



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni nru 0255/2006, imressqa minn Carlos Lumbreras Vicente, ta' nazjonalità Spanjola, f'isem l-"Ecologistas en Acción de Salamanca" dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali, li hu jemmin li mhix biżżejjed, dwar iż-żona ta' l-iskijjar ta' "La Covatilla" f'Salamanca**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Dawk li ressqu l-petizzjoni jistqarru li kien hemm xi irregolaritajiet li wasslu biex fixklu l-estensjoni taż-żona ta' l-iskijjar ta' La Covatilla f'Sierra de Béjar (Salamanca). Għalhekk, ġew mibnija kostruzzjonijiet ġodda mingħajr ma saret evalwazzjoni preliminari li turi l-impatti tagħhom fuq l-ambjent u mingħajr ma ġiet ikkonsultata l-opinjoni pubblika. Skond dawk li ressqu l-petizzjoni, it-tagħrif tekniku li għandha l-Junta de Castilla y León huwa kontra dan il-proġett, tant li r-reġjun huwa parti min-netwerk tan-Natura 2000 u ċerti partijiet tiegħu ġew iddikjarati żoni ta' interess ġenerali u li joffru protezzjoni għall-ġhasafar.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-31 ta' Lulju 2006. Tagħrif mitlub mingħand il-Kummissjoni (Artikolu 192, Paragrafu 4 tar-Regolament).

### 3. Tweġiba tal-Kummissjoni, li waslet fis-7 ta' Mejju 2007.

Il-petizzjoni tikkonċerna l-proċeduri li għaddejjin rigward l-awtorizzazzjoni tax-xogħlijiet ta' tkabbir ta' ċentru ta' l-isports tax-xitwa "Sierra de Bejar" (Salamanca).

Ta' min isemmi li, wara l-investigazzjoni fil-każ ta' l-ilment 1996/4811, il-Kummissjoni dak iż-żmien kienet fetħet proċeduri ta' ksur kontra Spanja, skond l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE, fir-rigward ta' l-applikazzjoni ħażina tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ambjent, relatata mal-proġett tal-bini ta' ċentru għall-iskijjar fiż-żona ta' La Covatilla, fil-muntanja Candelario, il-muniċipalità Béjar, provinċja ta' Salamanca, fil-Komunità awtonoma ta'

Castilla y León fi Spanja.

Ta' min jinnota wkoll li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni dwar dan il-każ u fl-aħħar ingħalaq f'Ġunju 2002, peress li l-proġett ta' kostruzzjoni taċ-ċentru għat-turisti "Sierra de Béjar" kif ukoll il-proġett ta' żvilupp tar-rotta ta' aċċess għalih ġew suġġetti għal proċedura ta' evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali, skond id-Direttiva 85/337/KEE<sup>1</sup> tal-Kunsill, tas-27 Ġunju 1985, dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, *emendata bid-Direttiva 97/11/KE*. Il-każ kien ingħalaq minħabba l-miżuri adottati u l-kompromess li laħqu l-awtoritajiet Spanjoli kif ukoll minħabba l-fatt li l-proġett ma kienx se jkollu effetti negattivi fuq l-ambjent naturali u l-ispeċitajiet prijoritarji u lanqas fuq iż-żona ta' "Sierra de Candelario" fil-viċin, li l-awtoritajiet Spanjoli kienu pproponewha biex fil-ġejjieni issir parti min-netwerk tan-Natura 2000, skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>2</sup>, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

Bħalissa l-Kummissjoni qed tinvestiga l-ilment 2002/5033 li jikkonċerna d-diversi proġetti possibbli ta' żvilupp taċ-ċentru ta' l-iskijjar u taċ-ċentru għat-turisti "Sierra de Béjar". Skond dak li ressaq l-ilment, dawn il-proġetti l-ġodda se jaffettwaw iż-Żona ta' protezzjoni speċjali ta' l-għasafar (ŻPS) ta' "Sierra de Candelario" u ta' "Sierra de Gredos" li ntgħażlu mill-awtoritajiet Spanjoli skond id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE<sup>3</sup>, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi, u s-Siti ta' importanza Komunitarja (SIK) li jidhru fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna r-reġjun bijoġeografiku mediterranju li twaqqfet f'Lulju li għadda, f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE.

Dak li ressaq l-ilment qed iqajjem il-kwistjoni tal-karattru propju ta' l-evalwazzjoni ta' l-effetti possibbli sinifikanti tal-proġett imsemmi fuq is-siti li hemm il-ħsieb li jiġu integrati fin-netwerk Ewropew tan-Natura 2000 u ta' l-introduzzjoni ta' modifiki possibbli fil-firxa ta' dawn is-siti.

Dan il-każ kien is-suġġett ta' diversi skambji ta' l-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Spanjoli. Sussegwentement, il-Kummissjoni rċeviet xi dokumenti addizzjonali li kien fihom tagħrif partikolarment dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali li, skond id-Direttivi 85/337/KEE u 92/43/KEE, kellha ssir qabel l-awtorizzazzjoni tal-proġett. Bħalissa dawn id-dokumenti qed jiġu analizzati mill-Kummissjoni.

Madankollu, il-Kummissjoni, fl-irwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati, se tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni Komunitarja tkun rispettata f'dan il-każ partikolari.

#### 4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Wara ż-żjara fuq il-post tal-Kummissjoni fl-aħħar ta' Mejju 2008, u flimkien mal-osservazzjonijiet mressqa mill-awtoritajiet Spanjoli wara l-ittra ta' notifika formali, is-servizzi tal-Kummissjoni osservaw li l-proġett ma kienx jhedded il-beni naturali tas-SCI jew tas-Sierra de Candelario SPA, u d-dikjarazzjoni tal-impatt ambjentali li fl-aħħar ġiet adottata f'Diċembru 2007 li ma tippermettix l-estensjoni tal-faċilitajiet li jistgħu jheddu dawn il-beni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 175 tal-5.7.1985

<sup>2</sup> ĠU L 206, tat-22.7.1992

<sup>3</sup> ĠU L 103, tal-25.4.1979

Il-każ issa hu magħluq u l-petizzjonant kien informat.